DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 22/2018

tad-9 ta' Frar 2018

li temenda l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2019/2058]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-"Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE ([1]) jrid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 iħassar id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement trid titħassar skont il-Ftehim ŻEE.

(3) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness XI tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-punt 5l (id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XI tal-Ftehim ŻEE huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**32014 R 0910**: Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar
l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fl-Artikolu 14(1), il-kliem ', jew bejn Stat tal-EFTA u l-pajjiż terz inkwistjoni jew organizzazzjoni internazzjonali' għandu jiddaħħal wara l-kliem 'Artikolu 218 TFUE'.

(b) Il-Partijiet Kontraenti għandhom iżommu lil xulxin informati fir-rigward tan-negozjati u l-konklużjoni tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 14(1) u, fuq talba, għandhom isiru konsultazzjonijiet fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

([1]) ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73.
([2]) ĠU L 13, 19.1.2000, p. 12.

(c) Kull meta l-Unjoni Ewropea tinnegozja xi ftehim imsemmi fl-Artikolu 14(1), għandha tagħmel l-almu tagħha biex tikseb trattament indaqs għal servizzi fiduċjarji kwalifikati pprovduti minn fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati stabbiliti fl-Istati tal-EFTA.

(d) Fl-Artikolu 51, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) fil-paragrafu 3, il-kliem 'mill-1 ta' Lulju 2017' għandu jsir 'minn sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 22/2018 tad-9 ta' Frar 2018';

(ii) fil-paragrafu 4, il-kliem 'mit-2 ta' Lulju 2017' għandu jsir 'wara sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 22/2018 tad-9 ta' Frar 2018'."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-10 ta' Frar 2018, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Frar 2018.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
ClaudeMAERTEN

(*) Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.